

Brussell, 18 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

15232/19

ATO 110

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Diċembru 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 633 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW dwar l-implimentazzjoni tal-Istati Membri tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/117/EURATOM dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjeġġi ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli nukleari eżawrit Third Report

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 633 final.

Mehmuż: COM(2019) 633 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.12.2019
COM(2019) 633 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL
U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW**

**dwar l-implimentazzjoni tal-Istati Membri tad-Direttiva tal-Kunsill
2006/117/EURATOM dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjeġġi ta' skart radjuattiv u
ta' kombustibbli nukleari eżawrit
Third Report**

{SWD(2019) 437 final}

Werrej

1.	Introduzzjoni.....	2
1.1.	Il-kuntest.....	3
2.	Il-qafas legali u l-implimentazzjoni tiegħu.....	3
2.1.	Il-prinċipji ġenerali għas-supervizzjoni u l-kontroll tal-vjeġġi.....	5
2.2.	L-implimentazzjoni tad-Direttiva.....	6
2.3.	L-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv.....	7
2.4.	L-awtoritajiet kompetenti.....	7
3.	L-osservazzjonijiet u x-xejriet.....	7
3.1.	L-istatistiċi (2015-2017).....	9
4.	Is-segwitu mill-perjodu ta' rapportar preċedenti.....	12
5.	Konklużjonijiet.....	13

1. INTRODUZZJONI

L-Istati Membri kollha kienu ttrasponew id-Direttiva tal-Kunsill 2006/117/Euratom¹ (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva") dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjeġġi ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli nukleari eżawrit fl-2013. Sal-25 ta' Diċembru 2017, l-Istati Membri kellhom jibagħtu rapporti lill-Kummissjoni² dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Fuq il-bażi ta' dawn ir-rapporti, il-Kummissjoni trid tistabbilixxi rapport fil-qosor³ għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari għall-ġarr lura⁴ relatat ma' vjeġġi mhux awtorizzati u skart radjuattiv mhux dikjarat.

Din id-Direttiva tistabbilixxi sistema Komunitarja ta' superviżjoni u kontroll ta' vjeġġi transkonfinali ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli eżawrit, sabiex tiġi garantita l-protezzjoni adegwata tal-popolazzjoni. Din tiżgura li l-Istati Membri kkonċernati jkunu infurmati dwar vjeġġi ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli eżawrit għal jew permezz tat-territorju tagħhom bl-obbligu li jagħtu l-kunsens tagħhom jew ir-rifjut motivat għall-vjeġġi.

L-Istati Membri kollha ppreżentaw it-tielet rapport nazzjonali tagħhom li jkopri l-perjodu 2015-2017⁵, filwaqt li l-Kroazja rrapportat għat-tieni darba⁶.

Il-Kummissjoni ħejjiet dan ir-rapport fuq il-bażi ta' daww ir-rapporti nazzjonali u wara li kkonfidrat l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv⁷. Dan ir-rapport isegwi t-tieni rapport⁸ tal-Kummissjoni għall-perjodu 2012-2014.

Ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali tal-vjeġġi ta' kombustibbli eżawrit u tal-iskart radjuattiv fil-Komunità; tax-xejriet u l-isfidi reċenti dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/117/Euratom tal-20 ta' Novembru 2006 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjeġġi ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli nukleari eżawrit, ĠU L 337, 5.12.2006, pp. 21 – 32.

² Skont l-Artikolu 20(1) tad-Direttiva sal-25 ta' Diċembru 2011 u kull tliet snin wara dan, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

³ Skont l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rapport sommarju f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21 tad-Direttiva.

⁴ Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva.

⁵ B'mod aktar preċiż, it-tielet rapport ikopri l-perjodu mis-26.12.2014 sal-25.12.2017 (awtorizzazzjonijiet).

⁶ Il-Kroazja ssieħbet fl-UE fl-1 ta' Lulju 2013.

⁷ Il-Kumitat Konsultattiv ġie stabbilit fl-2007 kif meħtieġ mill-Artikolu 21 tad-Direttiva.

⁸ COM(2018) 6 final, Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-Istati Membri tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/117 Euratom dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjeġġi ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli nukleari eżawrit, 19.1.2018 u SWD (2018) 4 final.

u t-tranżitu tal-kombustibbli eżawrit u tal-iskart radjuattiv, tar-rifjuti u l-vjeġġi li ma ġewx eżegwiti irrapportati, kif ukoll tal-azzjonijiet proposti.

Ir-rapport huwa akkumpanjat mid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2019)437 li jinkludi *data* dettaljata u informazzjoni li fuqhom huma bbażati l-konklużjonijiet.

1.1. Il-kuntest

L-Istati Membri tal-UE kollha jipproduċu skart radjuattiv, iġġenerat minn faċilitajiet (eż. l-impjanti tal-enerġija nukleari, ir-reatturi tar-riċerka) u attivitajiet differenti, bħal pereżempju l-applikazzjonijiet radjuisotopiċi fil-mediċina, l-industrija, l-agrikoltura, ir-riċerka u l-edukazzjoni. L-iskart radjuattiv huwa ddefinit bħala materjal radjuattiv f'forma gassuża, likwida jew solida li għalih ma jkunx previst użu ulterjuri mill-pajjiżi ta' oriġini u ta' destinazzjoni, jew minn persuna fiżika jew ġuridika li d-deċiżjoni tagħha tkun aċċettata minn dawn il-pajjiżi, u li jkun kontrollat bħala skart radjuattiv minn korp regolatorju skont il-qafas leġiżlattiv u regolatorju tal-pajjiżi ta' oriġini u ta' destinazzjoni.

L-operazzjonijiet tal-enerġija nukleari u r-reatturi tar-riċerka jġġeneraw ukoll kombustibbli eżawrit, jiġifieri kombustibbli nukleari li kien irradjat u mneħħi b'mod permanenti mill-qalba tar-reattur. Jista' jew jinżamm bħala riżorsa soġġetta għall-ipproċessar mill-ġdid jew jintrema bħala skart radjuattiv għar-rimi finali mingħajr ma jkun previst użu ulterjuri.

Meta jiġu ġġenerati kombustibbli eżawrit u skart radjuattiv, dawn jinħażnu qabel ma jerġġu jiġu pproċessati jew jintremew. Il-moviment ta' dan il-materjal, imsejjaħ ukoll vjeġġ, iseħħ fil-maġġoranza tal-Istati Membri tkun xi tkun l-iskala tal-programmi nukleari tagħhom. Mis-siti fejn dawn il-materjali jkunu ġew iġġenerati jew ġestiti, il-kombustibbli eżawrit u l-iskart radjuattiv jiġu ttrasportati l-aktar bit-triq, bil-ferrovija jew bil-baħar u f'każijiet limitati bl-ajru.

L-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu tal-iskart radjuattiv u tal-kombustibbli eżawrit minn Stat Membru wieħed jew aktar huma prattiki regolari fl-UE.

2. IL-QAFAS LEGALI U L-IMPLIMENTAZZJONI TIEGĦU

Il-ġestjoni sikura u responsabbli tal-iskart radjuattiv u tal-kombustibbli eżawrit, inkluż il-vjeġġ sikur ta' dawn il-materjali ġewwa u barra t-territorji tal-Istati Membri, hija rekwiżit legali li ġej kemm mil-liġi internazzjonali kif ukoll tal-UE.

Fil-livell internazzjonali, ir-referenza ewlenija f'dan il-qasam hija l-Konvenzjoni Konġunta dwar is-Sigurtà tal-Immaniġġjar ta' Kombustibbli Eżawrit u dwar is-Sigurtà tal-Immaniġġjar ta' Skart Radjuattiv (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni

Konġunta”)⁹. Fost dispożizzjonijiet oħra, il-Konvenzjoni Konġunta timponi obbligi fuq il-Partijiet Kontraenti fir-rigward tas-sikurezza tal-movimenti transkonfinali (importazzjoni, esportazzjoni u tranżitu) tal-kombustibbli eżawrit u l-iskart radjuattiv. Din teħtieġ li kull Parti Kontraenti involuta f’movimenti transkonfinali tieħu l-passi xierqa biex tiżgura li dan il-moviment jitwettaq b’mod li huwa konsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni u ma’ strumenti internazzjonali vinkolanti rilevanti. It-28 Stat Membru tal-UE kollha huma Partijiet Kontraenti għal din il-Konvenzjoni Kongunta¹⁰ li juri l-impenn tagħhom li jiżguraw livell għoli ta’ sikurezza ta’ kombustibbli eżawrit u skart radjuattiv – mill-ġenerazzjoni sar-rimi.

Fil-livell tal-UE, id-Direttiva għandha l-objettiv ġenerali li ttejjeb il-protezzjoni kontra l-perikli kkawżati mill-esponiment għar-radjazzjoni jonizzanti, permezz tas-superviżjoni u l-kontroll ta’ vjeġġi ta’ kombustibbli eżawrit u skart radjuattiv. Barra minn hekk, id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom dwar l-istandards bażiċi tas-sikurezza¹¹ tiddefinixxi kriterji armonizzati tal-approvazzjoni u livelli ġenerali għar-rilaxx ta’ materjal mill-kontroll regolatorju, filwaqt li l-kamp ta’ applikazzjoni tal-istandards bażiċi tas-sikurezza jestendi biex ikopri l-attivitajiet tal-bniedem li jinvolvu l-preżenza ta’ sorsi ta’ radjazzjoni naturali, inkluż l-ipproċessar ta’ materjali radjuattivi li jinsabu fin-natura (NORM). L-effetti tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom fuq l-implimentazzjoni tas-superviżjoni u l-kontroll ta’ vjeġġi transkonfinali għandhom jiġu segwiti mill-Kummissjoni fil-perjodu ta’ rapportar li jmiss.

Fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan il-qafas komprensiv dwar is-sikurezza nukleari u kontra r-radjazzjoni tal-UE, id-Direttiva tindirizza speċifikament l-awtorizzazzjonijiet regolatorji u l-aspetti proċedurali tal-vjeġġi transkonfinali tal-iskart radjuattiv u l-fjuwil użat iġġenerati mill-faċilitajiet u l-attivitajiet ċivili. Id-Direttiva tapplika kull meta:

- Il-pajjiż ta’ oriġini, il-pajjiż ta’ destinazzjoni jew kwalunkwe pajjiż ta’ tranżitu tal-fjuwil użat jew tal-iskart radjuattiv huwa Stat Membru tal-UE;
- Il-kwantitajiet u l-konċentrazzjoni tal-fjuwil użat jew tal-iskart radjuattiv għall-vjeġġ (imsejjaħ konsenja) jaqsbu l-livelli stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom.

⁹ Il-Konvenzjoni Konġunta daħlet fis-seħħ fit-18 ta’ Ġunju 2001. Tapplika għall-kombustibbli eżawrit u l-iskart radjuattiv li jirriżultaw mir-reatturi u l-applikazzjonijiet nukleari ċivili u għall-kombustibbli eżawrit u l-iskart radjuattiv mill-programmi militari jew tad-difiża jekk u meta dawn il-materjali jiġu ttrasferiti b’mod permanenti lejn programmi ċivili u ġestiti fil-qafas tagħhom biss, jew meta jiġu ddikjarati bħala kombustibbli eżawrit jew skart radjuattiv għall-finijiet tal-Konvenzjoni mill-Parti Kontraenti. Il-Konvenzjoni tapplika wkoll għar-rilaxxi ppjanati u kkontrollati ta’ materjali radjuattivi likwidi jew gassużi fl-ambjent mill-faċilitajiet nukleari rregolati.

¹⁰ Mis-26 ta’ Settembru 2016, kien hemm 73 Parti Kontraenti (http://www.iaea.org/Publications/Documents/Conventions/jointconv_status.pdf).

¹¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta’ Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta’ sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom, ĠU L 13, 17.1.2014, p. 1–73.

2.1. Il-prinċipji ġenerali għas-superviżjoni u l-kontroll tal-vjeġġi

Kull Stat Membru jibqa' kompletament responsabbli¹² għad-definizzjoni tal-politika għall-ġestjoni tal-iskart radjuattiv u l-fjuwil użat fi ħdan il-ġurisdizzjoni tiegħu. Din il-politika tista' tinkludi l-esportazzjoni ta' fjuwil użat u skart radjuattiv jew l-importazzjoni ta' dawn il-materjali (eż. għall-ipproċessar (mill-ġdid)) fit-territorju tiegħu.

Id-Direttiva¹³ teħtieġ li l-Istati Membri jużaw dokument standard għas-superviżjoni u l-kontroll tal-vjeġġi ta' skart radjuattiv u kombustibbli eżawrit. Meta dawn il-materjali jkunu maħsuba biex jiġu ttrasportati lejn pajjiżi terzi, l-Istati Membri huma meħtieġa wkoll japplikaw il-kriterji għall-vjeġġi skont l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni applikabbli¹⁴.

Meta vjeġġ ma jkunx jista' jitwettaq jew jekk ma jkunx hemm konformità mal-kondizzjonijiet għall-vjeġġ f'konformità ma' din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini għandhom jiżguraw li l-iskart radjuattiv jew il-kombustibbli eżawrit inkwistjoni jittieħed lura mid-detentur¹⁵, sakemm ma jkunx jista' jsir arranġament sikur alternattiv. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-persuna responsabbli għall-vjeġġ tiegħu miżuri korrettivi ta' sigurtà fejn meħtieġ. F'dan il-każ, id-detentur għandu jkun responsabbli għall-ispejjeż li jirriżultaw fejn il-vjeġġ ma jistax jitwettaq¹⁶.

Kull rifjut tal-awtorizzazzjoni tal-vjeġġ ta' kombustibbli eżawrit u skart radjuattiv (i) irid jiġi ġġustifikat fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fid-Direttiva; (ii) ma għandux ikun arbitrarju; u (iii) għandu jkun ibbażat fuq il-liġi nazzjonali, Komunitarja jew internazzjonali rilevanti. Id-deċiżjonijiet tal-Istati Membri għall-kunsens jew ir-rifjuti jridu jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni Konġunta u d-Direttiva¹⁷ li jipprojbixxu l-esportazzjoni ta' skart radjuattiv jew kombustibbli eżawrit lejn destinazzjoni 'l isfel mil-lattitudni 60° Nofsinhar, lejn pajjiżi Afrikani, tal-Karibew jew tal-Paċifiku jew lejn pajjiżi terzi li ma għandux ir-riżorsi għall-immaniġġar sikur tal-iskart radjuattiv jew tal-kombustibbli eżawrit.

Flimkien mar-rapporti ta' kull tliet snin lill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom:

¹² F'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv, ĠU L 199, 2.8.2011, p. 48–56.

¹³ Skont l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva.

¹⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2008 dwar il-kriterji għall-esportazzjoni ta' skart radjuattiv u fjuwil użat lejn pajjiżi terzi (notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 7570) (2008/956/Euratom).

¹⁵ Detentur ifisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li, qabel ma twettaq vjeġġ ta' skart radjuattiv jew ta' kombustibbli eżawrit tkun responsabbli taħt il-liġi nazzjonali applikabbli għal tali materjali u li tippjana li twettaq vjeġġ lil kunsinnatarju. (L-Artikolu 5(9) tad-Direttiva).

¹⁶ Skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva.

¹⁷ Skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva.

- Jinnotifikaw¹⁸ lill-Kummissjoni u lill-Kumitat Konsultattiv kull sena dwar vjeġġi mhux awtorizzati lejn pajjiż terz, minħabba nuqqas ta' konformità mal-kapaċità teknika jew amministrattiva u mal-istruttura regolatorja għall-immaniġġar sikur tal-kombustibbli eżawrit u/jew l-iskart radjuattiv;
- Jibagħtu¹⁹ lill-Kummissjoni d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti u l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-komunikazzjoni rapida.

2.2. L-implimentazzjoni tad-Direttiva

Għall-vjeġġi kollha (inklużi l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet u t-tranżiti bejn l-Istati Membri u minn/lejn barra l-Komunità) fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, id-Direttiva tirrikjedi l-użu ta' dokument standard²⁰. Dan id-dokument ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fl-2008²¹ u ġie emendat fl-2011, u jikkumplimenta d-Direttiva. Id-dokument standard jinkludi formoli għall-finijiet li ġejjin:

- L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-vjeġġ ta' kombustibbli eżawrit jew skart radjuattiv;
- Il-konferma tar-riċevuta tal-applikazzjoni – talba għal informazzjoni nieqsa għal kombustibbli eżawrit u skart radjuattiv;
- Il-kunsens jew ir-rifjut tal-vjeġġ tal-iskart radjuattiv jew il-kombustibbli eżawrit mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati;
- L-awtorizzazzjoni tal-vjeġġ tal-kombustibbli eżawrit u tal-iskart radjuattiv.
- Id-deskrizzjoni tal-konsenja tal-iskart radjuattiv u l-lista tal-pakketti;
- Il-konferma tar-riċevuta tal-iskart radjuattiv u l-kombustibbli eżawrit.

Skont ir-rapporti nazzjonali, il-maġġoranza tal-Istati Membri ma esperjenzawx kwistjonijiet partikolari fl-użu tad-dokument standard. Għal raġunijiet ta' titjib kontinwu, f'it Stati Membri ssuġġerew li jintroduċu l-“identifika n-numru tal-vjeġġ” f'taqsimha speċifika tad-dokument standard. Din it-taqsimha tippermetti segwitu aktar faċli tal-“vjeġġi ta' ritorn” meta kombustibbli eżawrit u/jew skart radjuattiv ikun intbagħat għall-ipproċessar (mill-ġdid) barra l-pajjiż, u tippermetti kontroreferenzi għal awtorizzazzjonijiet/kunsens preċedenti, u b'hekk tiffaċilita l-monitoraġġ ġenerali.

¹⁸ Skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva.

¹⁹ Skont l-Artikolu 18.

²⁰ Skont l-Artikolu 17.

²¹ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi d-dokument standard għas-sorveljanza u l-kontroll tal-vjeġġi ta' skart radjuattiv u f'juwil użat imsemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/117/Euratom (notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 793), (2008/312/Euratom), ĠU L 107, 17.4.2008, pp. 32 – 59.

2.3. L-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv

Il-laqgħa XI. tal-Kumitat Konsultattiv saret fit-8 ta' Ottubru 2019 fil-Lussemburgu. Waqt il-laqgħa XI. ġew diskussi l-abbozz ta' dan ir-rapport u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjah. Sussegwentement l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv inħarġet permezz tal-proċedura bil-miktub²².

Waqt il-laqgħa XI., il-Kummissjoni ppreżentat il-modifiki dwar il-mudell ta' rapportar fuq tliet snin għall-vjeġġi ta' kombustibbli eżawrit u skart radjuattiv. Il-mudell ta' rapportar volontarju jintuża ħafna mill-Istati Membri. Is-servizzi tal-Kummissjoni rrevedew il-kontenut u l-format tal-mudell ta' rapportar, filwaqt li qiesu l-kwistjonijiet li nstabu mill-Kummissjoni matul it-tielet ċiklu ta' rapportar (deskritti fit-Taqsimiet 4.4 u 4.5 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2019)437).

2.4. L-awtoritajiet kompetenti

Minn Lulju 2017, l-Istati Membri kollha pprovdew informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti tagħhom skont l-Artikolu 5(13)²³ tad-Direttiva. Wara l-laqgħa XI. tal-Kumitat Konsultattiv, xi Stati Membri bagħtu informazzjoni aġġornata (inkluża fl-Anness I tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjah SWD(2019)437 final).

Il-lista tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri hija disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni: <https://ec.europa.eu/energy/en/topics/nuclear-energy/radiation-protection/transport-radioactive-materials>.

3. L-OSSERVAZZJONIJIET U X-XEJRIET


B'mod ġenerali, u wara li tqiesu l-perjodi ta' rapportar preċedenti, fil-perjodu ta' rapportar attwali, ġie rrapportat għadd aktar baxx ta' awtorizzazzjonijiet²⁴, speċjalment għall-vjeġġ tal-kombustibbli eżawrit (ara l-Illustrazzjoni 1). Madankollu, peress li kull awtorizzazzjoni tista' tkun relatata ma' aktar minn vjeġġ wieħed, dan mhux neċessarjament jimplika tnaqqis fl-għadd ta' vjeġġi. Dan ir-rapport huwa l-ewwel wieħed li jinkludi dettalji dwar l-għadd ta' vjeġġi.

Sitt Stati Membri (il-Kroazja, Ċipru, l-Estonja, il-Greċja, Malta u l-Portugall) qatt ma rrapportaw vjeġġi awtorizzati fit-territorju tagħhom kemm ilhom li ġew imposti fuqhom l-obbligi ta' rapportar tad-Direttiva.

²² F'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regulation (UE) Nru 182/211 u skont ir-Regoli tal-Kumitat Konsultattiv (25.1.2017) tal-Artikolu 21 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/117/Euratom.

²³ L-Artikolu 5(13) tad-Direttiva jiddefinixxi "awtoritajiet kompetenti" bħala "kwalunkwe awtorità li, skont il-liġi jew ir-regolamenti tal-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu jew ta' destinazzjoni, ikollhom is-setgħa li jimplimentaw is-sistema ta' superviżjoni u ta' kontroll ta' vjeġġi ta' skart radjuattiv jew ta' kombustibbli eżawrit".

²⁴ Din l-illustrazzjoni tinkludi seba' awtorizzazzjonijiet maħruġa għall-vjeġġ ta' "materjali" minbarra l-iskart radjuattiv u l-kombustibbli eżawrit li ammontaw għal 139 awtorizzazzjoni.



Illustrazzjoni 1. Numru tal-awtorizzazzjonijiet totali

Fir-rigward tar-rifjut biex jingħata l-kunsens, ġew irrapportati tliet każijiet matul il-perjodu ta' implimentazzjoni attwali. Ġie osservat li xi wħud minn dawn il-vjeġġi (li fl-aħħar ma sarux) kienu madankollu rrapportati mill-pajjiżi li ħarġu l-kunsens:

- Stat Membru wieħed irrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu għal erba' applikazzjonijiet għat-tranżitu ta' ruttam tal-metall ikkontaminat, filwaqt li kkunsidra l-applikazzjoni barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva – li tistabbilixxi dispożizzjonijiet għal skart radjuattiv u kombustibbli nukleari eżawrit biss. Madankollu, dawn it-tranżiti twettqu regolarment skont il-leġiżlazzjoni lokali applikabbli.
- Stat Membru wieħed irrifjuta li jimporta skart radjuattiv minn Stat Membru ieħor għal finijiet ta' rimi, filwaqt li sostna li l-Istat Membru ta' oriġini kellu l-kapaċità li jarmi l-iskart.

L-Istati Membri ma rrapportaw l-ebda kwistjoni lill-Kummissjoni li tista' taqa' taħt l-Artikolu 4 “Ġarr lura relatat ma' vjeġġi mhux awtorizzati ta' skart radjuattiv mhux dikjarat”; l-Artikolu 12 “Nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-vjeġġ” u lanqas l-Artikolu 16(1)(c) “Esportazzjonijiet projbiti”. L-uniku ġarr lura ddikjarat matul dan il-perjodu kien relatat man-nuqqas ta' adegwatezza ta' xi skart radjuattiv (mill-qasam mediku) għal sit tal-ipproċessar barra mill-pajjiż. Għalhekk, fuq il-bażi tal-informazzjoni rrapportata, ma sar l-ebda vjeġġ mhux awtorizzat fit-territorju tal-UE matul il-perjodu ta' rapportar.

Id-dewmien fis-sodisfazzjon tal-obbligi ta' rapportar naqsu, meta mqabbla mal-perjodu ta' rapportar preċedenti. Matul Diċembru 2017 u Jannar 2018, 24 Stat Membru kkomunikaw ir-rapport nazzjonali tagħhom²⁵. Barra minn hekk, il-kwalità ġenerali tar-rapportar tġiebet b'mod sinifikanti matul it-tliet perjodi ta' rapportar. Sitt Stati Membri jużaw l-“identifika n-numru tal-vjeġġ”.

Madankollu, il-Kummissjoni osservat xi inkonsistenzi residwi fir-rapportar li ġew ikkoreġuti wara talbiet *ad hoc* mis-servizzi tal-Kummissjoni²⁶.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat xi inkonsistenzi fir-rapportar ta' Stati Membri differenti, bħall-għadd ta' kunsinni f'awtorizzazzjonijiet multipli, jew ir-

²⁵ L-iskadenza għan-notifika tar-rapporti nazzjonali kienet il-25 ta' Diċembru 2017.

²⁶ Aktar dettalji huma deskritti fil-punt 4.4 tal-SWD(2019)437.

radjuattività totali u l-attività massima għal kull pakkett ta' xi vjeġġi. Dawn il-kwistjonijiet kollha ġew iċċarati mal-Istati Membri.

Preżentazzjoni dettaljata tal-vjeġġi transkonfinali ta' skart radjuattiv u kombustibbli eżawrit fl-UE matul il-perjodu ta' rapportar attwali hija pprovduta fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjah SWD(2019)437 final.

3.1. L-istatistiċi (2015-2017)²⁷

Din it-taqsimha tipprovdi ħarsa ġenerali statistika dwar l-awtorizzazzjonijiet u l-vjeġġi, it-tip ta' vjeġġi, l-oriġini tal-materjali ttrasportati, u l-iskop tal-vjeġġi.

Awtorizzazzjonijiet vs vjeġġi attwali

Il-146 awtorizzazzjoni rrapportata minn 14-il Stat Membru fil-perjodu 2015-2017 jikkorrispondu għal 1834 vjeġġ reali (għadd totali ta' vjeġġi). Xi awtorizzazzjonijiet ikopru diversi vjeġġi (medja ta' bejn 12 u 13), u jistgħu jaqbu l-perjodu ta' żmien kopert mir-rapport preżenti.

Kif wieħed jista' jara mill-Illustrazzjoni 1, 86% tal-awtorizzazzjonijiet huma relatati ma' vjeġġi ta' skart radjuattiv (125 awtorizzazzjoni, li minnhom 7 awtorizzazzjonijiet huma relatati ma' materjali oħra²⁸) u l-14 % l-oħra tal-awtorizzazzjonijiet huma relatati ma' kombustibbli eżawrit (21 awtorizzazzjoni).

F'termini ta' vjeġġi attwali, 98 % (1791 vjeġġ) huma relatati ma' skart radjuattiv u 2% (43 vjeġġ) huma relatati ma' kombustibbli eżawrit.

Hawn taħt, l-awtorizzazzjonijiet huma deskritti fil-qosor skont it-tipi ta' vjeġġi²⁹, jiġifieri *intra*-Komunitarji u *extra*-Komunitarji. Mill-146 awtorizzazzjoni, 53 kienu jinvolvu tranżitu minn ġo tal-inqas Stat Membru terz.

Vjeġġi intra-Komunitarji:

120 awtorizzazzjoni (82 % tat-total ta' 146) huma relatati ma' awtorizzazzjonijiet *intra*-Komunitarji. Il-biċċa l-kbira tal-awtorizzazzjonijiet *intra*-Komunitarji (106,) jirreferu għal skart radjuattiv, il-bqija (14) għal kombustibbli eżawrit. Dawn il-120 awtorizzazzjoni jammontaw għal 1769 vjeġġ, awtorizzati minn 14-il Stat Membru.

Meta mqabbel maċ-ċiklu ta' rapportar preċedenti, is-sehem tal-awtorizzazzjonijiet *intra*-Komunitarji baqa' ma nbidilx sostanzjalment (83 % fil-perjodu ta' rapportar 2012-2014).

²⁷ Il-perċentwali użati f'dan ir-rapport huma aġġustati għall-eqreb numru sħiħ.

²⁸ Pereżempju azzar irradjat għal għanijiet ta' riċerka.

²⁹ Informazzjoni aktar dettaljata dwar it-tip ta' vjeġġi (*intra*-Komunitarji u *extra*-Komunitarji) hija mogħtija fil-punt 2 tal-SWD(2019)437.

Vjeġġi extra-Komunitarji: Importazzjonijiet, esportazzjonijiet u tranżiti mill-Komunità

26 awtorizzazzjoni (18 % tal-awtorizzazzjonijiet kollha) huma relatati ma' vjeġġi *extra-Komunitarji*. 17 kienu relatati ma' **esportazzjonijiet** lejn pajjiżi terzi (12 % tal-awtorizzazzjonijiet kollha), filwaqt li 8 (madwar 5 % tal-awtorizzazzjonijiet kollha) kienu relatati ma' **importazzjonijiet** minn barra l-UE. Bil-ħsieb tal-vjeġġi attwali, 2 % għandhom x'jaqsmu mal-esportazzjonijiet u 1 % mal-importazzjonijiet. Hija rrapportata awtorizzazzjoni waħda biss għal tranżitu mill-Komunità.

B'referenza għall-**importazzjonijiet** ta' skart radjuattiv minn pajjiżi terzi matul l-2015-2017, inħarġu ħames awtorizzazzjonijiet minn tliet Stati Membri li jirrappreżentaw 14-il vjeġġ ta' skart radjuattiv. Dawn l-importazzjonijiet kienu ritorni wara t-trattament tal-iskart radjuattiv (mill-Istati Uniti), u r-rimi finali tal-iskart minn industrija tal-enerġija mhux nukleari (mill-Bahamas u minn Monaco). Żewġ Stati Membri importaw kombustibbli eżawrit minn pajjiżi terzi għal attivitajiet ta' riċerka, li jikkorrispondu għal tliet awtorizzazzjonijiet għal 11-il vjeġġ.

Fir-rigward ta' **esportazzjonijiet** ta' skart radjuattiv mill-Komunità lejn pajjiżi terzi, sitt Stati Membri ħarġu total ta' 13-il awtorizzazzjoni, li jirrappreżentaw 35 vjeġġ. L-għan ta' dawn l-esportazzjonijiet qatt ma kien ir-rimi finali fit-territorju ta' pajjiżi terzi, pjuttost kienet ir-riċerka, it-trattament, u r-ritorn wara t-trattament/l-ipproċessar mill-ġdid. Tliet Stati Membri ħarġu total ta' erba' awtorizzazzjonijiet biss għal daqstant ieħor vjeġġi li jesportaw il-kombustibbli eżawrit lejn pajjiżi terzi. L-għan ta' dawn l-esportazzjonijiet kien l-ipproċessar mill-ġdid, ir-riċerka, u l-konverżjoni minn titjib għoli għal ieħor baxx.

Matul l-2015-2017 ġie awtorizzat **tranżitu** wieħed singolu li joriġina minn pajjiżi terzi .

VJEĠĠI TA' KOMBUSTIBBLI
EŻAWRIT U TA' SKART
RADJUATTIV :

LEJN PAJJIŻI TERZI


STATI MEMBRI (LI JAWTORIZZAW IL-VJEĠĠ)

-  IL-BELĠJU
-  IL-BULGARIJA
-  FRANZA
-  IL-ĠERMANJA
-  L-ITALJA
-  IL-POLONJA
-  L-IŻVEZJA
-  IR-RENJU UNIT

MINN PAJJIŻI TERZI

STATI MEMBRI (LI JAWTORIZZAW IL-VJEĠĠ)

-  FRANZA
-  IL-ĠERMANJA
-  L-IŻVEZJA
-  IR-RENJU UNIT



Illustrazzjoni 2. Il-vjeġġi *extra*-Komunitarji 2015-2017³⁰

Il-mod tat-trasport

Il-vjeġġi jinvolvu trasport bil-baħar ta' spiss ħafna, madwar 56 % (81 awtorizzazzjoni), filwaqt li 40 % (59 awtorizzazzjoni) tat-trasport huwa bit-triq/bil-ferrovija biss (jiġifieri li ma jinvolvux trasport bil-baħar jew bl-ajru). 4 % biss tal-awtorizzazzjonijiet (6 awtorizzazzjonijiet) involvew it-trasport bl-ajru.

L-oriġini tal-materjali li se jiġu ttrasportati

L-istatistiki juru li madwar 75 % tal-awtorizzazzjonijiet (110 awtorizzazzjoni) jikkorrispondu għal skart radjuattiv li oriġina mill-industrija tal-enerġija nukleari u l-kombustibbli eżawrit, 12% oriġinaw mill-attivitajiet ta' riċerka, 3% oriġinaw mill-qasam mediku, u l-bqija minn oqsma oħra.

Madankollu, meta jiġi kkunsidrat in-numru attwali ta' vjeġġi, is-sehem tal-vjeġġi tal-industrija tal-enerġija mhux nukleari – inkluż l-attivitajiet mediċi u ta' riċerka – jilħaq it-43 %.

³⁰ L-esportazzjoni mill-Polonja hija relata mar-ritorn tal- kombustibbli eżawrit ta' reattur ta' riċerka.

Skop tal-vjeġġi

Il-vjeġġi huma relatati l-aktar mal-ipproċessar ta' skart radjuattiv (bħat-trattament għal tnaqqis fil-volum, jew il-kundizzjonament). Dan japplika għal 42 awtorizzazzjoni għat-trasport għall-faċilitajiet tal-ipproċessar (madwar 29 % tal-awtorizzazzjonijiet) u għal 48 awtorizzazzjoni għar-ritorn tagħhom wara l-ipproċessar (33 % tal-awtorizzazzjonijiet).

L-ipproċessar mill-ġdid ta' kombustibbli eżawrit (5 awtorizzazzjonijiet) u r-ritorn tal-iskart radjuattiv tiegħu wara l-ipproċessar mill-ġdid (7 awtorizzazzjonijiet) jikkorrispondu għal 8 % tal-awtorizzazzjonijiet.

4. IS-SEGWITU MILL-PERJODU TA' RAPPORTAR PREĊEDENTI

It-Tieni Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva enfasizza żewġ kwistjonijiet imqajma mill-Istati Membri matul l-ewwel perjodu ta' rapportar: nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-livelli ta' approvazzjoni għall-iskart radjuattiv fl-UE u r-regoli mhux ċari għall-iskart li fih in-NORM li ma jirriżultawx minn "prattiki awtorizzati". Iż-żewġ kwistjonijiet ġew indirizzati fil-qafas tal-Istudju dwar "Comprehensive examination and analysis of the situation of transport of nuclear materials", iffinanzjat mill-Kummissjoni³¹. L-istudju, ibbażat fuq kwistjonarju mibgħut lil awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra fit-trasport u fuq il-proċedimenti tas-sessjoni ta' ħidma finali, ippreżenta l-konklużjonijiet preliminari li ġejjin:

- In-nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-livelli tal-approvazzjoni għall-iskart radjuattiv fl-UE ma affetwax l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Id-Direttiva 2013/59/Euratom dwar l-istandards bażiċi tas-sikurezza tindirizza n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet legali dwar in-NORM li ma joriġinax minn Prattiki awtorizzati. Bħalma ġie indikat qabel⁸, mill-perspettiva legali, l-iskart kollu li jkun fih in-NORM, li jirrikjedi kontroll regolatorju u li huwa kklassifikat bħala skart radjuattiv³² jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

Il-modifika tad-dokument standard ma ġietx ikkunsidrata f'dan il-perjodu ta' rapportar. Madankollu, għall-perjodu ta' rapportar li jmiss, il-Kummissjoni se tikkollabora mal-Istati Membri sabiex tissaħħa l-armonizzazzjoni tad-dokument standard mal-ħtiġijiet tal-mudell ta' rapportar.

³¹ ENER/2017/NUCL/SI2.751899.

³² Skart radjuattiv ifisser materjal radjuattiv f'forma gassuża, likwida jew solida li għalih ma jkunx previst użu ulterjuri mill-pajjiżi ta' oriġini u ta' destinazzjoni, jew minn persuna fiżika jew ġuridika li d-deċiżjoni tagħha tkun aċċettata minn dawn il-pajjiżi, u li jkun kontrollat bħala skart radjuattiv minn korp regolatorju taħt il-qafas leġiżlattiv u regolatorju tal-pajjiżi ta' oriġini u ta' destinazzjoni (l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva).

5. KONKLUŻJONIJIET

L-implimentazzjoni tad-Direttiva tiżgura li l-movimenti transkonfinali kollha tal-iskart radjuattiv u tal-kombustibbli eżawrit fi ħdan il-Komunità jsiru biss bil-kunsens infurmat minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha involuti (inklużi l-pajjiżi ta' tranżitu), permezz tal-użu tad-dokument standard. L-informazzjoni relatata mal-vjeġġi awtorizzati kollha f'perjodu definit ta' rapportar (tliet snin) hija trażmessa regolarment mill-Istati Membri kollha lill-Kummissjoni. Is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjeġġi ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli nukleari eżawrit huma għalhekk garantiti, fil-Komunità kollha kemm hi. Għal dak il-għan, l-użu tal-“mudell ta' rapportar” ipprovdut, għalkemm mhux obligatorju, huwa mħeġġeġ ħafna billi jippermetti l-irkupru sempliċi ta' *data* u jevita r-riskju ta' interpretazzjoni skoretta tal-informazzjoni pprovduta.

Ġew identifikati xi inkonsistenzi meta saru kontroverifiki tar-rapporti tal-Istati Membri, l-aktar minħabba ineżattezzi tal-informazzjoni pprovduta. Bis-saħħa tal-evalwazzjoni li saret mill-Kummissjoni, kien hemm titjib fl-għarfien tal-Istati Membri dwar ir-rapportar tal-vjeġġi kollha. F'dan ir-rigward, kien ta' importanza partikolari li jkun hemm settijiet tad-*data* sħaħ (it-Tabella tal-Parti B tal-mudell tar-rapportar) disponibbli wkoll mill-Istati Membri ta' kunsens/tranżitu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat li l-Istati Membri ta' kunsens/tranżitu mhux dejjem kienu infurmati meta l-vjeġġ kien ġie rtirat.

L-Istati Membri ma rrapportaw l-ebda vjeġġ li ma ġiex esegwit fil-perjodu ta' rapportar attwali. Żewġ rifjuti għall-għoti tal-kunsens ġew irrapportati flimkien mal-ġustifikazzjoni sottostanti tagħhom. Ġie rrapportat ġarr lura wiehed³³ minħabba l-inadegwatezza ta' xi skart radjuattiv għal sit tal-ipproċessar.

Meta mqabbla mal-perjodu ta' rapportar preċedenti, il-maġġoranza tal-Istati Membri ppreżentaw ir-rapporti nazzjonali tagħhom fil-ħin. Erba' pajjiżi, ma ppreżentawx ir-rapporti tagħhom fi żmien xahar mill-iskadenza; madankollu, għamli dan fi żmien sitt xhur mill-iskadenza.

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-pakkett legali attwali tal-UE li jikkonsisti mid-Direttiva 2006/117/Euratom, id-Direttiva 2011/70/Euratom u d-Direttiva 2013/59/Euratom jiżgura standards għoljin ta' sikurezza fir-rigward tar-riskji ta' radjazzjoni jonizzanti fit-territorju tal-UE fil-kuntest ta' vjeġġi transkonfinali. Is-sejbiet preliminari tal-istudju msemmi hawn fuq³¹ ikkonfermaw ukoll is-suppożizzjoni ta' arkitettura komprensiva ġenerali, inkluża l-leġislazzjoni, il-proċeduri u l-prattiki tal-UE implimentati mill-Istati Membri, li tiżgura l-moviment sikur tal-materjal nukleari, inkluż l-iskart radjuattiv u l-kombustibbli nukleari eżawrit fi ħdan il-Komunità.

³³ Ma kienx relatat ma' vjeġġ mhux awtorizzat.

Il-Kummissjoni se tqis kif dovut is-sejbiet ippreżentati f'dan ir-rapport u se tibda riflessjonijiet jew tiegħu l-miżuri meħtieġa. Il-Kummissjoni ħadmet mill-qrib mal-Istati Membri tal-UE, biex jitlej il-mudell tar-rapportar. Huwa l-oġġettiv tal-Kummissjoni li jkun hemm fehim komuni mal-Istati Membri kollha dwar l-informazzjoni meħtieġa li għandha tiġi pprovduta biex jiġu ffaċilitati s-superviżjoni u l-kontroll tal-vjeġġi tal-iskart radjuattiv u l-kombustibbli eżawrit għall-perjodu ta' rapportar li jmiss (2018-2020).